# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 12**

**Rikors numru 727/10 LM**

**Concetta sive Connie Cini**

**v.**

**Eleonora Galea u Marlene Lungaro Mifsud li b'digriet tad-29 ta' Novembru 2010 assumew l-atti f'isem l-eredita` gjacenti ta' Paola Zahra u l-eredita` gjacenti ta' Emma Zahra; u ghal kull interess li jista' jkollhom Josephine Anne sive Yosanne Vella, Angela Pulis u skont digriet tat-13 ta' Gunju 2011, giet ordnata l-kjamata in kawza tal-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell interpost mill-attrici minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-12 ta' Jannar 2015 li qed tigi riprodotta interament ghall-ahjar intendiment:

"**A. RIKORS:**

"Rat ir-Rikors Maħluf[1] tal-attriċi li bih ippremettiet u talbet:

*"Illi b'kuntratt datat 11 ta' Jannar 1960 fl-atti tan-Nutar Robert Girard, (Dok. 1)[2] Paola armla ta' Gaetano Zahra tat b'subenfitwesi temporanja lil Anthony Cini għal żmien ħamsin (50) sena minn dakinhar tal-kuntratt il-fond 16 Triq Nazzarenu, Ħamrun ġia Marsa, soġġett għaċ-ċens perpetwu annwu, flimkien ma' proprjetà oħra tas-subkonċedenti, ta' tlett liri sterlini erbghtax-il xelin u nofs (£3.14s.6d). Dan is-subenfitewsi ġie konċess bis-subċens annwu ta' ħamsa u tletin lira sterlina £35 – illum €81.53;*

*"Illi b'kuntratt tat-13 ta' Frar 1960 fl-atti tan-Nutar Philip Saliba (Dok. 2)[3] Giuseppe Gatt irrikonoxxa lil Anthony Cini bħala subenfitewta ġdid tal-imsemmi fond u Anthony Cini irrikonoxxa lil Giuseppe Gatt bħala subdirettarju tal-istess fond;*

*"Illi Anthony Cini iżżewweġ lil Concetta Cini, (Dok. 3) huwa iċ-ċertifikat taż-żwieġ[4]. B'hekk Concetta Cini mhijiex enfitewta;*

*"Anthony Cini miet fil-25 ta' Marzu 2006 (Dok. 4 huwa iċ-ċertifikat tal-mewt[5]). Dok. 5 u 6 huma ir-riċerki testamentarji[6] u Dok 7[7] huwa it-testment fejn ħalla lil martu Concetta Cini bħala użufruttwarja tal-ġid tiegħu u ż-żewġ uliedu Josephine u Angela bħala eredi. Concetta Cini sa mill-1962 kienet u sal-lum għadha tgħix fil-fond 16 Triq Nazzarenu, Ħamrun ġia Marsa;*

*"Illi is-subċens tal-fond għalaq fil-11 ta' Jannar 2010 u skont il-liġi minn dakinhar l-emfitewta Jospehine Vella u Angela Pulis kellhom sitt xhur (sal-11 ta' Lulju 2010) sabiex jitolbu li s-subċens temporanju li kellhom idawwruh f'sub-ċens perpetwu ai termini tal-Artikolu 12(4) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet tal-Malta;*

*"Illi l-emfitewta Angela Pulis u Josephine Vella ma użufruwixxewx minn dan id-dritt anke għaliex huma ma kienux qed jabitaw fil-fond de quo. Għalhekk id-dritt mogħti fl-Artikolu 12(4) ċitat fuq, wara għeluq is-sitt xhur mit-tmiem tal-emfitewsi, jgħaddi għand l-okkupant tal-fond li jkun ċittadin Malti u jkun qed jokkupa bħala residenza ordinarja tiegħu u dan taħt l-Artikolu 12(5) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*"Illi l-attriċi talbet lill-konvenuti sabiex jagħmlu dan permezz ta' ittra datata 31 ta' Diċembru 2009 – Dok. 8[8]. Il-konvenuti naqsu li jaderixxu u*

[1] A fol. 1-3 tal-proċess.
[2] A fol. 4-11 tal-proċess.
[3] A fol. 12-16 tal-proċess.
[4] A fol. 17 tal-proċess.
[5] A fol. 18 tal-proċess.
[6] A fol. 19-21 tal-proċess.
[7] A fol. 22-23 tal-proċess.
[8] A fol. 24 tal-proċess.

*rrifjutaw (ara ittra datata 8 ta' Jannar 2010 Dok. 9[9]) u b' hekk kellha issir din il-kawża;*

*"Illi Concetta Cini tħallas ċens annwu ta' €81.53 (ossia Lm35.00) u attwalment tokkupa il-fond bħala ir-residenza ordinarja tagħha. Dok. 10[10] hija kopja tal-aħħar irċevuta ta' ċens imħallsa. Hi tħallas lil Eleonora Galea u Marlene Lungaro Mifsud, li huma tnejn mill-eredi ta' Emma Zahra (mejta), li tiġi bint Paola Zahra illum ukoll mejta;*

*"Illi l-attriċi qed taġixxi a tenur tal-Artikolu 12(5) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attriċi għandha d-dritt li tikkonverti ċ-ċens temporanju impost fuq il-fond li hu okkupat minnha għal wieħed perpetwu bil-modalitajiet previsti fl-istess artikolu. Concetta Cini tokkupa l-fond in kwistjoni bħala residenza ordinarja tagħha u hi ukoll ċittadina Maltija.*

*"Illi l-attriċi tokkupa l-fond li tiegħu bħala enfitewta kien hemm uliedha, u l-konċessjoni mogħtija għal ħamsin (50) sena għalqet fil-11 ta' Jannar 2010; id-direttarji tal-fond huma l-konvenuti Eleonara Galea, Marlene Lungaro Mifsud u l-eredi kollha ta' Paola Zahra u l-eredi ta' Emma Zahra;*

*"Illi fil-fond de quo tabita Concetta Cini li hi ċittadina Maltija li tabita hemm bħala residenza ordinarja u għalhekk tispetta lilha l-opzjoni li tikkonverti f'ċens perpetwu kif previst mil-liġi l-imsemmija konċessjoni enfitewtika, ladarba l-emfitewta ma użufruwixxewx minn dan id-dritt li tagħtihom il-liġi fis-sitt xhur li kellhom a dispożizzjoni tagħhom;*

*"Illi l-attrici offriet li tħallas lill-intimati iċ-ċens kif awmentat skont il-liġi ammontanti għal erba' mija u disgħa u tmenin ewro u tmintax -il ċenteżmu (€489.18). L-intimati irrifjutaw dan il-ħlas u għalhekk kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat l-esponenti iddepositat dan ċ-ċens kif awmentat bil-liġi fil-Qorti sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbilità u tissoddisfa id-dettami tal-liġi.*

*"Għaldaqstant l-attriċi talbet li l-Qorti jogħoġobha :-*

*"1. tikkundanna lill-konvenuti Eleonara Galea, Marlene Lungaro Mifsud u l-eredi ta' Paola Zahra u ta' Emma Zahra jersqu għall-att opportun ta' konverżjoni f'ċens perpetwu, taċ-ċens temporanju fuq il-fond numru sittax 16 Triq Nazzarenu, Ħamrun (ġia Marsa) u dana bil-kanone ta' wieħed u tmenin euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€81.53) moltiplikati għal sitt darbiet li jiġu €489.18 fis-sena u dana bil-ministeru ta' Nutar li jiġi nominat u bin-nomina ta' kuratur biex jirrappreżenta lill-kontumaċi jew l-assenti jew l-eredi ta' Paola u ta' Emma Zahra fuq l-istess att.*

*"Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri bonarji tal-31 ta' Diċembru 2009.*

*"Il-konvenuti inġunti jidhru għas-subizzjoni."*

"**B. RISPOSTA:**

[9] A fol. 25 tal-proċess.
[10] A fol. 10 tal-proċess.

"Rat ir-risposta tal-konvenuti[11] li biha ssottomettew:

*"1. Illi t-talba attriċi biex tikkonverti ċens temporanju għall-wieħed perpetwu fit-termini tal-Artikolu 12(4) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tistax tiġi milqugħa billi din tilledi d-drittijiet fundamentali tal-konvenuti għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà 'de quo', kif protetta bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea – saret referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***Josephine Bugeja et vs Avukat Generali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru, 2009 Rikors Numru 1/2002TM.*

*"2. Illi kif jirriżulta mill-valutazzjoni Peritali annessa u markata Dok. P*[12] *– il-proprjetà tiswa €135,000, differenza inkolmabbli mal-kumpens kalkolat skond il-provvedimenti tal-Kap 158.*

*"3. Illi hu kontrosens li l-attrici tiprocedi b'dina l-kawza, meta l-partijiet kienu prattikament fthiemu fuq ftehim ta' lokazzjoni, qed jiġu annessi Dok. RZ*[13] *- ittra tal-31 ta' Mejju, 2010 u Dok RR*[14]*- ittra tal-15 ta' Ġunju, 2010.*

*"4. Illi għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż."*

"**C. IL-KWISTJONI:**

"L-attriċi hija ċittadina Maltija li tabita fil-fond in kwistjoni bħala residenza ordinarja tagħha u għalhekk hija ssostni li tispetta lilha l-opzjoni li tikkonverti f'ċens perpetwu l-imsemmija konċessjoni enfitewtika skont l-Artikolu 12(4) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba l-emfitewtae m'għamlux użu minn dan id-dritt li tagħtihom il-liġi fis-sitt xhur li kellhom a dispożizzjoni tagħhom.

"Min-naħa tagħhom il-konvenuti jirritjenu li t-talba attriċi biex tikkonverti ċens temporanju għall-wieħed perpetwu fit-termini tal-Artikolu 12(4) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, tilledi d-drittijiet fundamentali tal-konvenuti għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà inkwistjoni, kif protetta bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk ma tistax tiġi milqugħa.

"**D. PROVI:**

"Rat il-verbal tad-29 ta' Novembru, 2010[15] fejn il-Qorti kif diversament ippresjeduta, irrilevat li l-konvenuti Josephine Anne *sive* Yosanne Vella u Angela Pulis għandhom jitqiesu li huma kontumaċi.

"Rat l-affidavit tal-attrici[16] fejn bil-ġurament tagħha ikkonfermat li l-fond 16 Triq Nazzarenu Ħamrun kien ħadu żewġha Anthony Cini (dak iż-

[11] A fol. 31-32 tal-proċess.
[12] A fol. 33 tal-proċess.
[13] A fol. 34 tal-proċess.
[14] A fol. 35 tal-proċess.
[15] A fol. 39 tal-proċess.
[16] A fol. 33 u 34 tal-proċess.

żmien l-għarus tagħha) b'ċens temporanju mingħand is-sid tal-post Paola Zahra, biex eventwalment hi u r-raġel tagħha jabitaw fih wara li jiżżewġu. Fil-11 ta' Jannar 1960 kien sar l-kuntratt ta' ċens temporanju għall-ħamsin sena.

"Illi Concetta Cini xehdet ukoll li dan il-fond kien jikkonsisti f'mezzanin zgħir b'4 kmamar mibni fuq żewġ garaxxijiet. Mit-twieqi ta' ġewwa wieħed jiġi faċċata taċ-ċmieni tal-power station tal-Marsa. L-attriċi qalet ukoll li l-fond inkwistjoni meta ħaduh kien kważi ikkundannat u fil-fatt hi u żewġha kellhom jagħmlu s-soqfa ġodda, idaħħlu id-dawl u ilma, bidlu l-madum tal-art, il-gallarija u għamlu kamra tal-banju.

"Illi l-attriċi u r-raġel tagħha iżżewwġu fl-1962 u minn dakinhar baqgħu jgħixu fil-fond inkwistjoni. Ir-raġel tal-attriċi, Anthony Cini miet fil-25 ta' Marzu 2006 u hija baqgħet tgħix waħida fil-fond inkwistjoni. Wara li kien miet żewġha, l-irċevuta tal-ħlas taċ-ċens kienet inqalbet fuq isem l-attriċi peress li hija kienet l-użufruttwarja tal-fond.

"L-attriċi kompliet tixhed li fl-2009, jiġifieri sena qabel ma għalaq iċ-ċens, hija kienet avviċinat lil Eleonora Galea u Marlene Lungaro Mifsud (eredi ta' Paola u Emma Zahra) u dawn qalulha li huma kienu lesti li jbiegħulha l-fond inkwistjoni u infatti bagħtu perit biex jagħmel stima, imma wara li ġie il-perit, ma semgħet xejn iktar mingħandhom. Sadanittant kien beda riesaq iż-żmien li jagħlaq iċ-ċens u għalhekk hija kkuntattjajt lis-sidien anki permezz ta' avukat u qaltilhom illi huma kellhom jersqu għall-kuntratt sabiex minn ċens temporanju meta jiskadi dan jinqaleb għal ċens perpetwu. Dan kollu kien qiegħed ikun propost li jsir skont il-liġi tal-1979 (l-Artikolu 5 tal-Att XXIII 1979).

"Illi eventwalment hija rċeviet mingħand is-sidien l-istima tal-perit li kienet ta' €102,000 li hija qiset li kien prezz esaġerat għall-fond inkwistjoni. Ħmistax wara kien ċemplilha l-avukat tagħha Dr. Ray Zammit li nfurmaha li issa s-sidien kienu qegħdin jitolbu €135,000 għall-fond inkwistjoni. L-attriċi ma setgħetx tħallas prezz, li għaliha kien daqshekk għoli, għall-fond inkwistjoni li skont hi żgur ma kienx jiswa dak l-ammont u għalhekk ma tathom l-ebda risposta. Sussegwentement saru proposti mingħajr preġudizzju għal ebda naħa, però ma waslux għal qbil.

"Illi wara Jannar 2010 l-attriċi ddepozitat iċ-ċens fir-Reġistru tal-Qorti permezz ta' ċedola. Hi però ma ddepożitatx biss iċ-ċens li kienet tħallas is-soltu, cjoè €81.53 (LM35) imma kienet immultiplikat dan l-ammont għal sitt darbiet ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att XXIII tal-1979 sabiex iċ-ċens temporanju jiġi konvertit għal ċens perpetwu. L-ammont iddepożitat kien għalhekk jammonta għall-€489.18 u dan għamlitu biex tkun konformi mal-liġi.

"Illi l-attriċi fix-xhieda tagħha sostniet illi l-liġi tagħtieha d-dritt li tibqa' tgħix fil-fond inkwistjoni u dan peress li iċ-ċens temporanju għandu jinqaleb għal ċens perpetwu skont il-liġi li għadha mhijiex mibdula.

Barraminhekk hija ilha toqgħod f'dan il-post għall-ħamsin sena u għamlet ħafna spejjeż fih u fil-fatt kienu hi u żewġha li għamluh abitabbli.

"Illi skont l-attriċi, iċ-ċens li qed tħallas issa (€489) mhuwiex xi ċens irħis u dan juri li hi bl-ebda mod m'hi qegħdha tieħu xi vantaġġ kbir minn dan l-artikolu tal-liġi li jintitolaha li tibqa' toqgħod f'dan il-fond b'titolu ta' ċens perpetwu.

"**E. L-EWWEL EĊĊEZZJONI:**

"Rat il-verbal tal-5 ta' Mejju, 2011[17] fejn in vista tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u peress li deher li hu neċessarju li l-kwistjoni sollevata f'din l-eċċezzjoni tiġi deċiża, din il-Qorti kif diversament ippresjeduta kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Sede Kostituzzjonali sabiex din il-kwistjoni tiġi deċiża. Il-konvenuti għamlu ukoll referenza għall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ċjoè li l-Artikolu 12(4),(5) u (6) tal-Kap. 158 jikser l-imsemmi Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

"Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ġunju 2011[18] fejn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ordnat il-kjamata fil-kawża tal-Avukat Ġenerali u ħalliet il-kawża għall-provi kollha tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti.

"Rat in-nota tal-konvenuti tat-13 ta' Ġunju 2011[19] li biha ġew ippreżentati l-affidavits tal-konvenuti Marlene Lungaro Mifsud u Eleonora Galea.

"Rat ix-xhieda tal-Perit Anthony Fenech Vella li ġiet mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Novembru 2011[20].

"Rat ix-xhieda tal-attriċi Concetta Cini u tal-Perit Joseph Ellul Vincenti li ġiet mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2012.

"Rat is-sentenza mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2012 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, li permezz tagħha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Eleonara Galea u Marlene Lungaro Mifsud billi ddikjarat li f'dan il-każ "l-applikazzjoni tal-Artikoli 12(4),(5) u (6) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta tilledi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u konsegwentement tilledi d-drittijiet fundamentali tad-direttarji u inoltre tipprovdi li l-eċċezzjoni inkwistjoni għandha tiġi akkolta bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a kariku tal-attriċi".

[17] A fol. 46-47.
[18] A fol. 49 tal-proċess.
[19] A fol. 51-53 tal-proċess.

"Rat is-sentenza mogħtija fil-31 ta' Jannar 2014 mill-Qorti Kostituzzjonali[21] li permezz tagħha kien ġie miċħud l-appell prinċipali filwaqt li ġie milqugħ l-appell inċidentali limitatament billi rrevokat dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti allokat l-ispejjeż kollha lir-rikorrenti, u minflok, ordnat li l-ispejjeż tal-ewwel stanza ikunu kollha a karigu tal-kjamat in kawża Avukat Ġenerali, u kkonfermat is-sentenza appellata għall-bqija.

"**F. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Rat id-digriet[22] mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-kawża reġgħet ġiet riappuntata għas-smigħ għas-16 ta' Mejju, 2014.

"Rat is-surroga datata 18 ta' Settembru 2014[23] fejn din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif illum presjeduta.

"Rat il-verbal tagħha tal-4 ta' Novembru, 2014[24] fejn id-difensuri tal-partijiet ittrattaw il-kawża u ddikjaraw illi l-kawża tista' tgħaddi għas-sentenza.

"Illi l-attriċi f'din il-kawża qegħda tinvoka favur tagħha dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, ċjoè tal-Ordinanza tal-1959 dwar it-Tneħħija tad-Djar mill-Kontroll introdotti bl-Att Nru. XXIII tal-1979. Fl-istess ħin dawn l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi ġew attakkati b'suċċess mill-konvenuti bħala li jmorru kontra d-drittijiet fundamentali tagħhom, kif ġie kkonfermat bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Jannar 2014[25].

"Illi ċertament huwa konsiljabbli li dan il-kunflitt bejn id-dritt tal-attriċi li tinvoka favur tagħha l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u d-dritt tal-konvenuti li jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tagħhom, jiġi riżolt kemm jista' jkun malajr mil-leġiżlatur.

"Illi quddiem sitwazzjoni bħal din ta' kunflitt bejn id-drittijiet tal-partijiet, li sa issa għadha ma ġietx riżolta mil-leġiżlatur, hemm konklużjoni waħda li l-Qorti tista' tasal għaliha. Bejn drittijiet li joriġinaw minn dispożizzjonijiet ta' liġi ordinarja u drittijiet fundamentali li huma mħarsa mill-Kostituzzjoni tal-pajjiż, konformi mal-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, għandhom jipprevalu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dik il-liġi ordinarja safejn tkun inkonsistenti, għandha titqies li hi bla effett.

"Illi kif intqal fis-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet **Paola sive Pawlina Vassallo vs Marija Dalli[26]** "la darba tali dispożizzjonijiet tal-

[21] Rik. Kost. Numru 23/2011/1.
[22] A fol. 65.
[23] A fol. 69.
[24] A fol. 71.
[25] Rik. Kost. 23/11.
[26] Ċit. Nru. 938/2007.

liġi ċitati ... ġew ddikjarati nulli u bla effett u dan għaliex jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u tali sentenza għaddiet in ġudikat, in vista tal-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni din il-Qorti ma tistax tapplika l-istess u dan peress li tipprevali l-istess Kostituzzjoni, u fejn l-istess liġi hija inkonsistenti ma' dan, dik il-liġi skont l-istess artikolu għandha tiġi kkunsidrata bħala nulla u bla effett u dan indipendentement mill-fatt jekk l-organu leġislattiv jieħux il-passi sabiex jneħħi l-istess liġi jew jevita tali ksur".

"Illi l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni jgħid illi jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni, il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.

"Illi l-Artikolu 3 (2) tal-Kap. 319 jgħid illi l-liġi ordinarja għandha, sa fejn tkun inkonsistenti mal-Konvenzjoni Ewropeja, ukoll tkun bla effett.

"Illi din il-Qorti kif diversament presjeduta, meta ddeċidiet (u kif sussegwentement ġie kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali), li l-applikazzjoni tal-Artikoli 12(4),(5) u (6) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta tilledi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u konsegwentement tilledi d-drittijiet fundamentali tad-direttarji, din id-deċiżjoni ma kellhiex l-effett li tabroga liġi li sa issa għadha in vigore.[27] Imma l-effett ta' dik is-sentenza kien li safejn id-drittijiet tal-attriċi a tenur tal-Kap. 158 kienu inkonsistenti mad-drittijiet fundamentali tal-konvenuti taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, kellhom jipprevalu d-drittijiet fundamentali tal-konvenuti.

"Illi kif ġie osservat minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza **Paola sive Pawlina Vassallo vs Marija Dalli** "konsistentement ma' dak li jingħad fl-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, meta l-Qorti ssib li xi liġi tikser il-Kostituzzjoni jew xi dritt fundamentali mħares minnha jew mill-Konvenzjoni, ma jidhirx li jkun sewwa li dik il-liġi tibqa' titħaddem jew jingħataw bis-saħħa tagħha rimedji li xi parti f'kawża, bla ma l-qorti nnifisha tkun qiegħda, bit-tħaddim ta' dik l-istess liġi, tikser ukoll il-Konvenzjoni jew il-Kostituzzjoni".

"Għaldaqstant, fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, it-talba attriċi ma tistax tiġi milqugħa.

"**E. DECIDE**

"**Għal dawn il-motivi taqta' u tiddeċidi l-kawża billi:-**

[27] Ara s-sentenza **Paola sive Pawlina Vassallo vs Marija Dalli -** "...Huwa minnu li l-ebda sentenza ma tħassar liġi – l-għamil u t-tħassir ta' liġi hija funzjoni esklussiva tal-Parlament – iżda meta b'sentenza xi liġi titqies li hija nulla u bla effett, ħadd m'ghandu jistenna li xi Qorti tapplika liġi bħal dik fi kwestjoni li titqajjem quddiema, sempliċiment għaliex il-Parlament ma jkunx (għadu) ħassarha wara sentenza bħal dik".

"**1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Eleonora Galea u Marlene Lungaro Mifsud.**

"**2. Tiċħad it-talba attriċi.**

"**3. Bl-ispejjeż tal-kawża a karigu tal-Avukat Ġenerali.**"

L-attrici appellat minn din is-sentenza u qed titlob ir-revoka tas-sentenza hlief il-parti fejn l-Avukat Generali gie akkollat l-ispejjez tieghu; titlob ukoll riferenza lill-Qorti Kostituzzjonali. L-Avukat Generali infatti appella minn dik il-parti tas-sentenza fejn jirrigwardja l-ispejjez.

Qabel xejn tajjeb wiehed jinnota illi l-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) u sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali innifisha, diga iddikjarat illi l-Artikolu 12 (4) (5) u (6) tal-Kap. 158 jilledi d-drittijiet ta' proprjeta` tal-konvenuti ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u dan permezz ta' sentenzi moghtija rispettivament fit-12 ta' Ottubru 2012 u fil-31 ta' Jannar 2014. Kwindi l-Qorti ma tifhimx it-talba tal-appellanti biex tordna riferenza kostituzzjonali ohra ladarba dik il-parti tal-kwistjoni ormai ghaddiet in gudikat.

Stabbilit dan allura l-kawza ma tipprezenta ebda diffikulta` ohra. L-abbli difensur tal-appellanti sostna waqt it-trattazjoni orali li ladarba fil-frattemp iddahhal l-Artikolu 12 B fil-Kap. 158 u dan fil-mori tal-appell, il-Qorti tal-Appell ghandha tindirizza l-kwistjoni quddiem il-Bord tal-Kera. Dan is-subartikolu jipprovdi ghal kazi simili ghal dak odjern u jaghti sahha lill-Bord jiffissa kera dovuta ghall-fond in kwistjoni u f'kaz li l-kerrej ma jkunx

f’pozizzjoni li jhallas, jaghtih hames snin zmien biex jivvaka wara li jigu segwiti proceduri ohra li ma hux il-kaz li din il-Qorti tidhol fihom.

Madankollu din il-Qorti mhijiex f’pozizzjoni li taghmel dan ghaliex; “*Hu l-att promotur kif intavolat it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tesercita l-gudizzju taghha” ...*; **Frankie Refalo nomine v. Jason Azzopardi et** (Appell - 7 ta’ Ottubru 1997) u wkoll “*Huwa principju generali illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-terminu tal-att li bih jinbdew il-proceduri” ..* (**Joseph Tabone v. Joseph Flavia** – Qorti tal-Appell, 7 ta’ Marzu 1958).

Huwa evidenti li t-talbiet proposti f’din il-kawza ma jippermettux lil Qorti tilqa’ t-talba imsemmija u hu evidenti li ladarba l-Qorti Kostituzzjonali gia` stabiliet li l-artikolu invokat mill-appellanti fir-rikors promotur taghha jikser id-dritt ta’ proprjeta` tal-appellati, t-talbiet taghha ma jistghux ikunu milqugha meta t-talbiet kollha taghha jiddependu interament fuq l-istess artikolu, u kwindi l-appell ikun michud.

Kwantu ghall-appell incidentali tal-Avukat Generali din il-Qorti taqbel li dan ma kellu jbati ebda spejjez fil-kawza bejn il-partijiet – oltre dak li gie deciz fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li barra milli ghaddiet in gudikat ghalih ukoll, kienet ukoll tirrigwardjah ghax kienet qed tigi attakkata l-ligi imsemmija.  Din il-kawza kif sewwa issottometta hija wahda privata bejn

il-partijiet u kwindi l-ispejjez ghandhom ikunu akkollati lill-parti telliefa skont l-Artikolu 223 tal-Kap. 12. illi jipprovdi li "*kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez*".

**DECIZJONI**

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tichad l-appell principali u tikkonferma s-sentenza appellata hlief ghal dak li se jinghad; tilqa' l-appell incidentali tal-Avukat Generali u tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza kompriz tal-appell odjern ikunu a kariku tal-attrici appellanti.**

**Il-Qorti taghmilha cara li l-ispejjez kif ordnati mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 2014 ghaddew in gudikat u kwindi jibqghu kif hekk ordnati.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm